MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru. 371/2004

**(Spettur Michael Mallia
Spettur Geoffrey Azzopardi**

**vs**

**Ian Farrugia**

**Illum, 10 t’Ottubru tas-sena 2008.**

**Il-Qorti;**

Rat l-ordni tal-Prim’Imhallef datata t-23 t’Ottubru tas-sena 2007 ippubblikata wkoll taht il-firma tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali li permezz taghha l-kawza fl-ismijiet fuq indikati giet assenjata lil din il-qorti kif preseduta;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata s-27 ta’ Settembru tas-sena 2007, li permezz taghha din l-istess qorti hawn indikata:

1. Laqghet it-talba ta' l-appell mill-Avukat Generali;

2. Iddikjarat li l-proceduri li kienu saru wara l-prezentata tan-Nota ta' Rinviju tal-21 ta' Lulju tas-sena 2006, bhala nulli, irritwali u bla effett;

3. Iddikjarat li s-sentenza appellata hi nulla;

4. Bil-ghan li ma tipprivax lill-partijiet involuti mill-beneficcju tad-"doppio esame" baghtet lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biex tipprocedi mill-gdid a tenur tan-Nota ta' Rinviju u bil-kondizzjonijiet hemm imposti;

Rat il-verbal konguntiv tal-prosekuzzjoni u tad-difiza datat il-15 ta' Jannar tas-sena 2008, li permezz tieghu awtorizzaw lill-qorti kif issa preseduta biex tqis ix-xhieda u procedura kollha mismugha minn din il-qorti diversament preseduta fil-kwalita` taghha ta' Qorti Istruttorja biex tikkonsidra tali xhieda bhala wahda awtentika, legittima u valida ghall-effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-rinviju datat it-13 ta' Frar tas-sena 2008, li permezz tieghu l-Avukat Generali nforma lill-qorti li wara li kien ra l-Atti tal-Kompilazzjoni de quo kien jidhirlu li tista' tinstab htija, (jew htijiet), taht dak li hemm mahsub fl-artikoli minnu hemm indikati;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Rat ix-xhieda mismugha mill-istess qorti kif preseduta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-prosekuzzjoni u mid-difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna hi naxxenti minn reat li kien sehh fil-gimgha ta' qabel il-5 t'April tas-sena 2004, fejn kienu nsterqu diversi xogholijiet ta' l-arti u oggetti ohra mill-fond numru 129, Triq l-Ifran, Valletta, u bl-aggunta tar-reat li xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa kif indikat fl-istess imputazzjoni dedotta kontra l-imsemmi imputat, u finalment, bhala recidiv;

2. Illi analizi tax-xhieda ta' Joseph Portelli hi essenzjali ghar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern;

3. Illi dan sintetikament isostni s-segwenti:

i. Illi hu kien proprjetarju ta' garage bin-numru 21, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, Birkirkara;

ii. Illi jirrizulta li kien l-imputat Ian Farrugia li kien gab diversi pitturi, li eventwalment irrizultaw li kienu gew misruqa mill-fond fuq indikat, ghand l-imsemmi Joseph Portelli;

iii. Illi l-istess Portelli jsostni li meta f'okkazzjoni minnhom hu kien mar jipparkja l-karozza tieghu fl-imsemmi garage sab li l-istess garage kien iqsar minn dak li kien ra fl-ahhar okkazzjoni li kien mar fih u sab li effettivament, mill-ahhar darba li kien mar hemm kien ittella' hajt fuq in-naha ta' wara tieghu;

iv. Illi dan il-hajt mizjud li kien inbena bil-*bricks*, kien imbajjad u kien ittella' biss xi granet qabel ma kien skopert mill-imsemmi Portelli;

v. Illi l-istess Portelli jsostni fl-ewwel lok li kien ta c-cavetta ta' l-istess garage lill-imputat Farrugia propju fil-perjodu in dizamina wara li dan kien talabhielu u minghajr ma kien qallu l-uzu li xtaq

jaghmel mill-istess, hlief generikament li rid ipoggi xi affarijiet fih;

vi. Illi wara dan Portelli biddel il-versjoni u ppreciza li c-cavetta kien taha lil huh Dennis;

vii. Illi l-istess Portelli jafferma li meta kien skopra l-imsemmi hajt falz ma ghamel xejn u lanqas irrapporta lill-pulizija;

viii. Illi Portelli jsostni wkoll li Farrugia qatt ma qallu li ried jaghmel xi xoghol strutturali fih;

ix. Illi meta l-Pulizija skopriet il-hajt falz u nehhewh, ghamlu dan fil-presenza ta' l-istess Portelli, u kien hemm li nstabu l-oggetti misruqa meritu ta' dan il-kaz;

x. Illi fi tfittxija ulterjuri li saret fir-residenza ta' Portelli nstabet pittura ohra fi spazju appozitu taht is-sodda ta' l-istess Portelli;

xi. Illi l-istess Portelli jsostni, u dan anke a tempo vergine proprju fil-hin ta' l-iskoperta ta' l-istess, li dik il-pittura partikolari kien taghhielu l-istess imputat Farrugia biex izommhielu, (ara fol 478), propju taht is-sodda, bejn is-saqqu u t-tustiera izda wara jirrizulta li l-istess Farrugia kien f'din l-okkazzjoni wkoll ma' Dennis Portelli, hu l-imsemmi Joseph Portelli, hawn riferit, (ara fol 501);

xii. Illi l-istess Portelli jsostni li kien iltaqa' b'kumbinazzjoni ma' l-imputat f'hanut tat-te li s-soltu kienu jiffrekwentaw u kien hemm li sar il-ftehim bejniethom biex ta' l-ewwel jghaddi c-cavetta tal-garage tieghu lill-imputat, u dan minn naha tieghu, jghaddi l-pittura li eventwalment instabet taht is-sodda lil Portelli;

xiii. Illi meta s-serqa giet rapportata fil-mezzi tax-xandir Portelli jsostni li kien sab

lill-imputat Farrugia u qallu biex "*inehhi l-affarijiet minn hemm"*, (ara fol 478), u Farrugia talab zmien biex ikun jista' jaghmel dan ghalkemm il-Pulizija lahqu gew qabel;

xiv. Illi jaf li l-imputat Farrugia kapaci jahdem ta' bennej;

xv. Illi meta kemm Portelli kif ukoll l-imputat irrealizzaw li l-Pulizija kienu qrib li jsolvu l-kaz, iltaqghu flimkien u fi triqithom lejn il-Qawra fejn l-imputat kellu appartament, Portelli jsostni li tkellmu fuq is-serqa de quo, u jaraw kif setghu jghadduha lixxa;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni ta' l-imputat Farrugia tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-imputat Farrugia u l-ahwa Dennis u Joseph Portelli jafu lil xulxin;

2. Illi jsostni li fuq il-pittura meritu ta' din il-procedura ma jaf assolutament xejn;

3. Illi jsostni li kemm-il darba kien imur fil-garage ikkoncernat ghaliex kien imur ma' Dennis Portelli jnaddfu l-karozzi;

4. Illi qatt ma hadem f'xoghol ta' kostruzzjoni

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi ribadit li jirrizultaw zewg versjonijiet konfliggenti li nonostante cio' jigi sottolineat, li xhud wiehed, jekk emmnut, hu bizzejjed beix gudikant jippernja d-decizjoni tieghu fuq ir-rizultanzi li jikkonvincuh;

Ikkunsidrat:

Illi pero' l-procedura odjerna, ghalkemm maldestrament kondotta mill-ufficcjali tal-prosekuzzjoni, kif jirrizulta mill-atti specjalment quddiem din il-qorti kif preseduta, toffri aktar mill-limitazzjoni fuq indikata;

Illi jirrizulta li tul l-Inkjesta Magisterjali li kienet kondotta fuq il-lok tar-reat kienu gew skoperti impronti digitali fuq borza tal-plastik li kienet instabet tghatti wahda mill-pitturi misruqa li kienu skoperti wara l-hajt falz mibni fil-garage ta' l-imsemmi Joseph Portelli;

Illi mill-analizi forensiku effettwat irrizulta wkoll li l-istess plastik kien jappartejni ghall-sellum identiku ghal dak li ntuza fl-esekuzzjoni tar-reat in dizamina misjub fil-kantina ta' fejn sehh ir-reat de quo;

Illi jirrizulta mill-istess analizi forensiku li l-istess sellum kien gdid fjamant bhal ma kienet l-istess borza tal-plastik li nstabet fl-imsemmi garage, liema borza kellha fuqha l-impronti ta' l-imputat;

Illi jirrizulta li din ma kinitx xi plastik prodotta in massa mill-intrapriza li tikkostruwixxi s-slielem izda kienet maghmula minn sid il-hanut li biegh l-istess sellum u ghalhekk, facilment identifikabbli;

Illi mill-analizi komparattiv li sar bejn l-impronti misjubna fuq il-plastik fuq riferit u dak mehuda bil-kawteli legali kollha mill-imputat Farrugia, jirrizulta li impronta minnhom tikkombacja perfettament f'erbatax (14)-il punt ta' komparazzjoni mas-suba' tac-curkett ta' l-id ix-xellugija ta' l-imputat Farrugia, oltre impronta ohra tas-suba' tan-nofs ta' id il-leminija ta' l-istess imputat;

Illi r-rizultanzi riskontrati minn din l-espert indipendenti ma gewx konfutati tul il-procedura u ghalhekk jikkonsistu fi stat ta' fatt li din il-qorti mhux biss m'ghandhiex tiskarta izda ghandha thossha obbligata li tistrieh fuqha bhala rizultat t'analizi ta' espert taghha stess, liema espert ghandha tkun konsiderata super partes;

Ikkunsidrat:

Illi hu facili li l-imputat Farrugia jiddikjara l-estraneita' tieghu mir-reat;

Illi hu wkoll minnu li x-xhud Joseph Portelli jittratta r-reat de quo mill-parti biss li tikkoncernah, senjatament minn meta kien gie mitlub biex jippermetti l-uzu tal-garage u tad-dar tieghu biex tinheba r-refurtiva sakemm jikkalmaw l-affarijiet;

Illi pero' l-Pulizija investigattiva adoperat ruhha b'destrezza raggwardevoli u rrizolviet il-kaz qabel ma saret hsara irreparabbli u ta' dan ghandha tigi rakkomandata minghajr rizervi;

Ikkunsidrat:

Illi r-rizultanzi quddiem din il-qorti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi kien l-imputat Farrugia li avvicina lil Joseph Portelli biex jutilizza l-garage u d-dar tieghu ghall-iskopijiet li kellu;

2. Illi ad insaputa ta' l-imsemmi Portelli inbena hajt fil-garage tieghu li meta kien sprofondat mill-Pulizija instabu parti mir-refurtiva in dizamina;

3. Illi di piu', rizultat ta' ezamijiet forensici li saru, instabu mpronti li jakollaw lill-imputat Farrugia mar-reat de quo;

4. Illi in oltre, kien l-istess imputat Farrugia li jirrizulta li ghadda pittura ohra lill-imsemmi Joseph Portelli biex dan ikun jista' jahbiha taht is-sodda;

5. Illi kien l-imputat Farrugia li kien iltaqa' ma' l-imsemmi Joseph Portelli biex flimkien jesploraw il-possibilita' li jaharbu mir-responsabbiltajiet ovvji taghhom meta c-cirku tal-Pulizija kien qed jipprecipita fuqhom;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti ma jirrizultalhiex ragunijiet sufficjenti ghaliex m’ghandhiex temmen il-versjoni ta’ Joseph Portelli u konsegwentement tiddikjara li qed tistrieh fuqha ghall-konkluzzjonijiet taghha;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante cio’, tali rizultanza ma tqisiex sufficjenti biex isserrah il-konvinzjonjiet taghha fuqhom ghaliex wara kollox hi biss versjoni li tirrizulta konfutata b’versjoni ugwali da parte ta’ l-imputat;

Illi pero’ ghandu jinghad li l-Prosekuzzjoni marret oltre u stabbiliet b’mod xjentifiku li l-imputat Farrugia kien involut sew fir-reat in dizamina ghaliex stabbiliet il-presenza tieghu kemm fil-post fejn sehh ir-reat, kif ukoll fil-post fejn ittiehdet ir-refurtiva biex tinheba, oltre l-fatt li kien hu wkoll li direttament ghadda pittura ohra lil Joseph Portelli biex jahbiha d-dar tieghu taht is-sodda;

Ghaldaqstant din il-qorti ssib lill-imputat Ian Farrugia hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu senjatament talli:

1. fil-gimghat ta’ qabel il-5 t’April tas-sena 2004, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta’ diversi xogholijiet ta’ l-arti u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elf Lira Maltin (LM1,000.00,0), mill-fond numru 129, Triq l-Ifran, il-Belt, Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), bil-lok u bil-hin;

2. u aktar, talli fis-27 t’April tas-sena 2004, u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt Lira Maltin (Lm500.00,0);

3. u aktar, talli f'Malta, f'dawn l-ahhar gimghat, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur;

4. u finalment, talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat ghalhekk l-artikoli 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262, 263, 264, 265, 330, 267, 270, 271, 279 (b), 280, 289, 334, 325 (a), 49, 50, 31, 20, tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat Ian Farrugia ghall-piena ta' seba' (7) snin prigunerija;

Rat ukoll l-artikolu 23 tal-Kap 9 u tordna l-konfiska ta' l-istrumenti uzati fir-reat;

Rat finalment ukoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat Ian Farrugia ghall-hlas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha rigwardanti l-hatra ta' esperti jew periti nominati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------